**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**Vs**

**Christian Cardona**

Illum 20 ta' Marzu 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Christian Cardona**, ta' 24 sena, iben Joseph Mary u Josephine nee' Vella, imwieled Pieta' fl-20 ta' Lulju 1988 u residenti gewwa St Joseph Farmhouse, Trieq tal-Hrieri, Limiti tas-Siggiewi, detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 348888(M) akkuzat talli:

1. Nhar is-26 ta' Jannar 2013 ghal habta tal-hamsa u nofs ta' filghaxija (17:30hrs) u fil-hinijiet ta' qabel, gewwa Triq tal-Hrieri limiti tas-Siggiewi u f'postijiet ohra f'dawn il-gzejjer, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' George Falzon ID 142085M u ohtu Silvianne Falzon ID 370192M f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi ta lil George Falzon daqqiet ta' sikkina kif ukoll spara arma tan-nar fid-direzzjoni tal-istess George Falzon u Silvianne Falzon, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' George Falzon;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra s-sigurta' tal-Gvern jew kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna), jew ta' serq jew hsara fil-proprjeta' (minbarra hsara involontarja fil-proprjeta');

4. U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon-ordni u l-paci pubblika;

6. U aktar talli b'hekk jitqies recediv b'sentenza datata 15 ta' Settembru 2010 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liemi sentenzi saret definittiva u ma tistghax tinbidel u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

1. fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216 u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-artikolu 221(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-artikolu 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-artikoli 6, 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. fl-artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. fl-artikoli 383, 384, 385, 386, 387 and 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi originarjament l-imputat kien akkuzat b'attentat ta' qtil izda fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali tali imputazzjoni giet eliminata u ghaldaqstant din il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni.

Illi dak iz-zmien l-Ispettur Roderick Zammit[1] xehed li fis-26 ta' Jannar 2013 ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija gie infurmat mis-Surgent 1585 James Weatherhill li kien hemm xi glieda familjari gewwa Trieq tal-Hrieri, limiti tas-Siggiewi. Mill-informazzjoni li tah, il-glieda kienet l-aktar bejn George Falzon u l-imputat. Ix-xhud ghalhekk mar fl-emergenza tal-Isptar Mater Dei sabiex jiehu l-versjoni ta' George Falzon li kien qieghed jiddewwa. Huwa sab li kien iddewwa fuq ferita hafifa fuq subghajh ta' idu. Dan Falzon qallu li kien mar ghand il-genituri ta' martu flimkien mat-tarbija taghhom u safa' attakkat mill-imputat. Qal li l-imputat kien hareg sikkina kbira ghalih u anke pprova jolqtu biha waqt li Falzon kien fil-karozza izda laqtu biss f'idejh. Martu Silvianne intefghet fuqu minn fuq is-seat tal-passiggier ta' wara sabiex ma jwegghux u qaltlu biex isuq. Kif beda jsuq huwa qal li ra lill-imputat jisparalu diversi tiri fid-direzzjoni tal-vettura tieghu b'arma tan-nar ta' kulur iswed. Qal ukoll li l-kunjatu Joseph Caruana zammu biex l-imputat ikun jista' jsawtu.

L-ufficjal investigattiv kompla li ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghaxija, l-imputat (li sa dak il-hin kien ghadu ma nstabx) mar volontarjament l-ghassa u ha certifikat mediku mieghu Gie arrestat minnufih, inghata s-soliti drittijiet tieghu u kkopera bis-shih meta intalab biex jaghti swabs fil-presenza tal-Magistrat Inkwirenti. Cardona rrilaxxja stqarrija.

Saret tfittxija ghall-armi kif ukoll ghal cartridges izda ma nstab xejn mill-pulizija. It-tfittxija saret dak il-hin stess li gara l-allegat incident kif ukoll l-ghada filghodu fid-dawl.

In kontro-ezami l-ufficjal investigattiv ikkonferma li l-griehi li jirrizultaw mic-certifikat mediku li ha l-imputat mieghu fl-ghassa kienu grif fuq in-naha ta' fuq tal-gisem ossija r-ras, il-wicc, l-ghonq, torso minn wara u minn quddiem, id-dirghajn, ugiegh u nefha fuq l-id il-leminija, ugiegh u nefha fuq l-irkoppa tal-lemin u gie riferut ghall-X Ray fl-Isptar. Konsegwenza ta' dawn il-griehi l-imputat kellu idu go *cast.* Ikkonferma wkoll li ma nstabu l-ebda tiri ta' arma tan-nar lanqas fuq il-karozza ta' Falzon.

is-Surgent 1585 James Weatherhill[2] dakinhar tal-incident kien niezel fuq il-post u sab lil George Falzon b'idejh kollha demm u dewwuh sakemm giet l-ambulanza u George Falzon ta l-versjoni tieghu. Is-Surgent xehed li huwa ccekkja l-karozza ta'

[1] Seduta tal-20 ta' Frar 2013
[2] Seduta tal-20 ta' Frar 2013

Falzon quddiem l-ghassa u ma kellha ebda sinjal ta' xi tiri relatati ma' tiri ta' arma tan-nar. Saret ukoll tfittxija fil-post ta' Joseph Caruana u ma nstabet l-ebda arma tan-nar. Iccekkja barra ghal xi skratac izda ma nstab l-ebda skartocc. It-tfittxija saret kemm dakinhar filghaxija kif ukoll l-ghada filghodu. In kontro-ezami qal li ma ghamilx tfittxija fil-karozza ta' Falzon.

George Falzon[3] xehed li dakinhar tas-26 ta' Jannar 2013 wasal ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija fejn il-bieb tar-razzett tal-genituri ta' martu u baghat lil martu biex tohrog lit-tarbija u cemplitlu biex jidhol bil-karozza fir-razzett. Kif dawwar il-karozza u martu ghabbiet lit-tifel mar missierha Joseph Cardona jistaqsih ghalfejn ma kienx mar il-gurnata ta' qabel. F'daqqa wahda tfacca Christian Cardona jghajjat li meta ried joffendi lil ommu minflok joffendi lilu. L-imputat beda jaghti bil-ponn fuq il-karozza u beda jaghti fuq il-hgieg tal-karozza. Ix-xhud qal li kien fuq is-seat tax-xufier. It-tarbija kien fil-kot fuq is-seat ta' wara. L-imputat imbaghad fetahlu l-bieba biex jaghtih bil-ponn. Imbaghad dar mal-karozza u beda jipprova jiftah il-bieba tal-passiggier u jaghti bil-ponn mal-hgiega. Imbaghad telaq u harget ohtu. telghet fil-karozza u bdiet tghid lil missierha biex iwaqqaf lill-imputat. L-imputat telaq u mar gor-remissa u gab sikkina li kien fiha ftit anqas minn pied. Missier l-imputat beda jzomm lix-xhud minn sidru mas-seat tal-karozza u l-imputat beda jipprova jdahhallu s-sikkina go zaqqu. Huwa kien pront resaq fuq is-seat l-iehor, kif l-imputat rega' hareg mal-bieba pprova jdahhallu s-sikkina go ghonqu u x-xhud imbuttalu s-sikkina u qatghalu subghajh kwazi barra. Missier l-imputat beda jzommlu l-bieba tal-karozza biex ma jsuqx izda huwa saq. sakemm wasak biex jitla' r-rampa biex johrog mir-razzett ra lill-imputat jaghlaq l-ahhar bieba tax-xatba tar-razzett u kellu revolver iswed. Ippuntah lejh u lejn martu. Missieru qabadlu jdejh u l-imputat spara tir fl-ajru u saq. Kif saq u hareg fit-triq sema' xi seba' tiri lejn il-karozza tieghu u baqa' niezel l-ghassa ta' Hal Qormi. Huwa ma ntlaqatx bit-tiri. Huwa jikkonferma li matul iz-zmien kien hemm diversi incidenti ohra bejnu u l-imputat.

Joseph Cardona[4], missier l-imputat, xehed li dakinhar huwa kien qieghed inaddaf iz-ziemel u ibnu kien qieghed jaghmel il-friex taz-ziemel. Ghall-habta tal-hamsa dahal George Falzon bil-karozza. Huwa kien qieghed jistennih imur ghaliex kien se jaghmel festin minhabba t-twelid tat-tarbija. Dahal ighajjat u jidghi. Ix-xhud hareg isikktu. Falzon nizel mill-karozza u beda jilletika max-xhud. Semghu l-imputat u Falzon mar lejhom, hareg sikkina kbira minn taht is-seat tal-karozza tieghu. Sakemm qalgha s-sikkina minn taht is-seat subgajh kien diga' hareg imcappas bid-demm. Ix-xhud hataf lill-imputat ghax kif ra lil Falzon bis-sikkina mar biex jiddefendi lil missieru. Ix-xhud hataf lil wiehed min-naha u lil iehor minn ohra u jzommhom u s-sikkina ghaddejja ma' wiccu u Falzon beda jxejjer is-sikkina. Bintu dak il-hin kienet gewwa tbiddel lit-tifel ma' ommha. Sadanittant ix-xhud ighid li imbotta lil Falzon gol-karozza u zamm lill-imputat. Harget bintu ghaliex semghet l-istorbju u staqsietu x'kien gara u qalilha irkeb u itilqu 'l barra. Telqu 'l barra. Imbaghad wara ftit sema' l-pulizija gejjin. Meta l-pulizija staqsih

[3] Seduta tal-5 ta' Frar 2014
[4] Seduta tal-5 ta' Frar 2014

kellux xi arma u jekk sparawx xi tiri huwa rrispondih li veru kien sehh argument fuq in-naha ta' gewwa tar-razzett izda ma gew sparati l-ebda tiri.

Silvianne Falzon[5] iddikjarat li billi hija l-oht l-imputat ma xtaqitx tixhed.

L-espert Dr Chris Moynehan[6] ipprezenta r-rapport tieghu[7] minn fejn jirrizulta mill-ezami li wettaq fuq is-swabs mehuda minn fuq l-imputat dakinhar tal-incident irrizulta li fis-sieghat ta' qabel li ttiehdu s-samples l-imputat ma kienx f'kuntatt ma' arma tan-nar. Fil-konkluzjoni tieghu jinghad hekk :

*"A possible explanation for the absence of characteristic GSR on samples from Mr Cardona is that in the hours before the samples were taken he was not close to the discharge of a firearm and had not been in contact with something contaminated with GSR.*

*Alternatively, if Mr Cardona had recently been close to the discahrge of a firearm or in contact with something contaminated with GSR, then it is possible that any GSR deposited had been lost before the samples were taken, through washing or other disturbance".*

Fl-ahharnett fl-istqarrija rilaxxjata minnu [8] l-imputat spjega li ghall-habta tal-5.30p.m tal-gurnata ta' qabel George Falzon dahal bil-karozza gewwa r-razzett u beda jaghmel l-istorbju u jghajjat li kien ghadu bil-hsieb li jiggieldilhom. Missier l-imputat hareg isikktu. Huwa semghu u mar jaffrontah. Kif ra hekk George Falzon hareg sikkina minn taht is-seat tal-karozza u beda jxejjirha minn gol-bieba tal-karozza. Missier l-imputat kien mal-bieba jzomm lil Falzon u imbotta lill-imputat. F'xi hin George Falzon qabad id l-imputat u rwiehilu u qabdu mill-flokk u gibdu lejh u girfu. L-imputat ighid li huwa telaq lejn ir-remissa u Falzon kien se jsuq ghal fuqu u baqa' sejjer 'il barra. L-imputat cahad li kien huwa li hareg is-sikkina u cahad ukoll li huwa spara xi tiri lejn id-direzzjoni ta' Falzon u oht l-imputat.

## L-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju

L-imputat jinsab akkuzat b'tentattiv ta' ferita gravi permezz tal-ewwel imputazzjoni u li kkaguna ferita hafifa fuq George Falzon.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro (Alexander) Chetcuti[9]** fejn inghad:

"Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat tal-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. "*Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li*

---

[5] Ara verbal tas-seduta tal-5 ta' Frar 2014

[6] Seduta tat-18 ta' Gunju 2014

[7] Dok CM a fol 162 et sequitur tal-process

[8] Dok RZ 1 a fol 8 tal-process

[9] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-18 ta' Settembru 2013

*jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu.*" (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid: "*the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible.*" (Notes on Criminal Law), izda imbaghad izid "*Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply* ***in dubbio pro reo****.*"

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Domenic Briffa deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

"Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I* (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79:

"*Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto*

*e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo.*"

U ikkonkludiet: "**Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit-tieni lok**."

Illi kif diga inghad fil-kaz ta' offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed izda fil-kaz tat-tentattiv tar-reat tal-offiza gravi jew gravíssima l-prosekuzzjoni jehtiegilha tipprova lil hinn minn kull dubbju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaguna hsara gravi fuq il-vittma."

Abbazi tar-rizultanzi processwali l-ewwel ma jrid jigi stabilit huwa d-dinamika ta' dak li sehh verament. Il-Qorti tqis li abbazi tax-xhieda prodotti l-versjoni moghtija mill-parte civile mhi kredibbli xejn. Dan qieghed jinghad kemm ghaliex ma nstabu l-ebda skratac fl-inhawi fejn isostni li l-imputat spara tiri ta' arma lejh, la evidenza tat-tiri li laqtu l-karozza u inoltre' anke meta jitqabblu l-griehi sofferti mill-imputat ghal dak sofferti mill-parte civile huwa evidenti li l-versjoni moghtija mill-imputat ghandha mill-veru ghaliex il-griehi jokkombacu mad-deskrizzjoni li ta huwa stess fl-istqarrija. Ma jridx ukoll jintesa li mill-ezamijiet li saru tal-GSR ta' swabs mehudin minn fuq l-imputat dawn irrizultaw fin-negattiv. Li gara huwa li kien il-parte civile li mar u holoq l-incident u dan tenut kont li kien ilu zmien li jezisti dizgwid familjari bejn il-partijiet koncernati. Inoltre' l-parte civile qal li l-imputat beda jaghti fuq il-karozza tieghu. Mill-provi ma rrizultax li l-karozza kellha xi daqqiet kif iridna nemmnu George Falzon.

Dwar il-ferita hafifa sofferta minn George Falzon lanqas ma jirrizulta li kien l-imputat li kkagunahilu.

Ghalhekk mhux talli ma giex ippruvat sal-grad rikjest mi-ligi li l-imputat ma kellux l-intenzjoni specifika li jwegga' b'mod gravi lill-parte civile, talli lanqas ma tista' tinstab htija li l-imputat kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq George Falzon.

**It-tielet u r-raba' imputazzjonijiet fin-nota tar-rinviju ghal-gudizzju**

Tali imputazzjonijiet lanqas ma jirrizultaw mill-provi prodotti invista li mit-tfittxijiet li saru la nstabet sikkina li ntuzat mill-imputat jew ma giex ippruvat li huwa ghamel uzu minn sikkina; kif ukoll lanqas ma rrizulta li ntuzat arma tan-nar.

**Il-hames imputazzjoni fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju**

Din l-imputazzjoni lanqas ma tirrizulta li giet ippruvata.

**Is-sitt imputazzjoni fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju**

L-addebitu tar-recediva huwa konsegwenzjali ghall-imputazzjonijiet l-ohra. Ladarba l-imputat mhux qieghed jinstab hati tal-ebda imputazzjoni mressqa fil-konfront tieghu, m'hemmx il-htiega biex isir ezami jekk l-addebitu tar-recidiva giex ippruvat o meno.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni fic-citazzjoni, ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha elenkati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju u ghaldaqstant tillibera lill-imputat mill-istess.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**